## 9 ta' Lulju, 1963

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Francesca mart Innocenzo Debattista et

*versus*

Emmanuele Ellul

## Konvenju — Frodi — Danni

*Ma jistax jagħmel azzjoni għad-danni min ikun ta' lok għal dawk id-danni bil-qerq tiegħu stess. Dak kien każ fejn il-firma fuq konvenju ġiet ottenuta bi frodi.*

*Barra minn hekk minn jaġixxi għad-danni konsistenti fi spejjeż minnu nkorsi f'kawża sa biex il-venditur jiġi kkundannat jaddivjeni għall-kuntratt ta' bejgħ, jitlef dak id-dritt tiegħu jekk huwa kien preventivament informat li ma jistax jaddivjeni fuq dak il-kuntratt għax biegħ lil ħaddieħor.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha

meħtieġa, billi l-konvenut ad insaputa ta' martu u mingħajr ma kien il-mandatarju tagħha appona l-firma tagħha fl-att ta' *konvenju tas-sittax (16) ta' Awissu, 1960, fejn deħret li riedet* tbiegħ lill-attriċi sehemha miż-żewġ porzjonijiet divisi u separati mill-għalqa "tal-"Fakkanija" limiti tas-Siġġiewi bil-prezz u kondizzjonijiet oħra hemm indikati; billi fil-kawża fl-ismijiet "Francesca Debattista et vs Carmela Ellul, et" deċisa minn dina l-Qorti fit-tlettax (13) ta' Diċembru, 1960, wara li rriżultaw l-allegazzjonijiet premessi t-talba tal-atturi ġiet respinta bl-ispejjeż; u billi in vista tal-falsifikazzjoni tal-imsemmija firma l-bejgħ in kwistjoni ma setax iseħħ u l-atturi sofrew diversi danni fosthom anki billi kienu ġew kundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża ammontanti dawn l-aħħar għas-somma komplessiva ta' ħamsa u tletin lira u seba' soldi (£35.0.7) skond l-annessi taxxi (Dokti A, B u C) **talab** li l-konvenut jiġi (1) dikjarat responsabbli għad-danni kollha li sofrew l-atturi in vista ta' l-aġir illegali u dolus tal-konvenut fuq riferiti u (2) kundannat li jħallas dika s-somma ta' flus li tiġi stabilita min dina l-Qorti wara li tiġi likwidata anki permezz ta' periti li għandhom jiġu nominati — bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi, in-nota tax-xhieda tagħhom kif ukoll id-dokumenti minnhom preżentati;

Rat in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenut li biha qal li:—

1. L-appożizzjoni tal-firma ta' martu saret b'inkarigu ta' l-atturi;

2. Fl-okkażjoni tal-imsemmi konvenju l-attriċi użaw frodi kontra u a danni tiegħu;

3. L-atturi indipendentement mill-firma in kwistjoni ma kellhomx raġunijiet biżżejjed biex jirbħu l-imsemmija kawża.

4. Fi kwalunkwe każ l-atturi kkaġjonaw huma stess il-maġġjor parti ta' l-ispejjeż minnhom lamentati billi nsistew li jkomplu l-kawża anki wara li kienu jafu ċ-ċirkustanzi u dettalji kollha dwar il-fatt tal-firma, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat li fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 1961, ġie nominat perit legali sabiex ifittex igħid jekk it-talba attriċi hijiex jew le fondata fil-fatt u fid-dritt u, f'każ ta' ipotesi affermativa, jillikwida d-danni;

Rat il-verbal tas-seduti li żamm il-perit legali kif ukoll ir-relazzjoni tiegħu preżentata fit-tnejn (2) ta' April, 1963 u minnu maħlufa fis-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju, 1963;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħat lill-Avukati;

Ikkunsidrat:

Mill-provi li saru f'dina l-kawża u dika allegata (ara Proċess Ċivili Nru. 890/60 fl-ismijiet Francesca Debattista et vs Carmela Ellul et) deċiża fit-tlettax (13) ta' Diċembru, 1960 jirriżulta li l-fatti li taw lok għal dina l-kawża huma dawk li sejrin jiġu relatati. L-atturi riedu jakkwistaw mingħand il-komprietarji kollha żewġ porzjonijiet diviżi ta' għalqa fil-limiti tas-Siġġiewi magħrufa bħala l-għalqa "ta' Żuta" sive "tal-Faqqanija", li minnha tant l-attriċi Francesca mart Innoċenzo Debattista kemm Carmela mart il-konvenut Emmanuele Ellul oriġinarjament kellhom xi porzjoni minnha. Għal dana l-iskop u b'dana l-fini l-attur Innoċenzo Debattista beda jiċċirkola bejn

il-komproprietarji skrittura ta' konvenju u ġurnata minnhom mar fil-kumpanija ma' ċertu Emmanuele Camilleri għand il-konvenut, li kien joqgħod l-Imqabba. Fil-fatt l-attur u Camilleri sabu lill-konvenut fil-bidu ta' l-isqaq fejn dana kien jgħammar l-Imqabba u ppreżentawlu l-iskrittura allegat u l-istess attur qal lill-konvenut li kien mar għandu biex tiffirma dika l-kitba l-mara tal-istess konvenut, waqt li kien ra lil mara tal-konvenut li kienet fl-isqaq titħaddet ma nies oħra u ma kellimhiex. Fl-istess ħin l-attur qal lill-konvenut li dika l-karta li ppreżentalu kienet tikkonċerni ċertu post jew bini li l-konvenut jew aħjar martu kienet komproprietarja fih imma ma semmilux l-għalqa in kwistjoni (ara depożizzjoni ta' Emmanuele Camilleri mogħtija quddiem il-perit legali fis-seduta tat-tnejn (2) ta' April, 1962, u dikjarazzjoni Camilleri. Ftit wara Camilleri qallu lill-konvenut li huwa kien iffirma għall-għalqa u mhux għall-post u dana rrabja u Camilleri kkalmah l-għaliex qallu li dak il-kuntratt ma jsirx mentri l-attur illarga bil-ħeffa minn hemm u Camilleri segwih. Fil-fatt irriżulta fil-kawża l-oħra li mart il-konvenut ma kienitx iffirmat dika l-karta (konvenju) u li l-firma tagħha kienet ġiet apposta mill-konvenut, taħt iċ-ċirkustanzi ta' fatt li ntqalu, imma l-konvenut huwa koroborat mix-xhud Emmanuele Camilleri li (apparti li huwa ffirma għal mara) huwa kien qiegħed jiffirma għall-bejgħ tal-post (beni) u mhux ġja tal-għalqa. L-attur jammetti li huwa qabel ma għamel il-kawża l-oħra (dika allegata) u xi tliet xhur jew xahar fuq il-firmazzjoni tal-konvenju kien iltaqa' l-Belt Valletta mal-konvenut u kien staqsih meta martu u huwa kienu sejrin imorru għall-kuntratt tal-porzjoni tat-terran "ta' Żuta" u l-konvenut kien qallu kliem li wrieh li dika l-porzjoni kienu ddisponew minnha bi flus aktar minn dawk li kien ried jixtriha l-attur. Jirriżulta wkoll li meta fis-seduta tat-tnejn (2) ta' April, 1963 la kien jaf li mart il-konvenut biegħet sehemha mill-għalqa in kwistjoni huwa mexxa l-kawża l-oħra fit-tnax (12) ta' Novembru, 1960 u ma kienx jaf jagħti spjegazzjoni imma fis-seduta ta' wara, għal kwantu tardivament

qal li kien qiegħed jaħseb li l-konvenut ried jgħaddih biż-żmien u ried jeħles minnu, raġuni daqsxejn zoppikanti wkoll fl-isfond tas-serjetà ta' l-operazzjoni li ried jagħmel l-instanti. Fil-fatt jirriżulta li fl-għaxra (10) ta' Ottubru, 1960 Carmela mart Emmanuele Ellul ma oħrajn fl-atti tan-Nutar Joseph Raymond Grech (insinwat fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru, 1960 ara fol: 39 u ta' wara) biegħet is-sehem tagħha mill-għalqa in kwistjoni lil Giuseppe Xiberras mentri l-att taċ-ċitazzjoni tal-kawża allegata ġie preżentat fit-tnax (12) ta' Novembru, 1960 u kien preċedut bl-ittra uffiċjali tal-għoxrin (20) ta' Ottubru, 1960.

Illi minn dawna l-fatti jidher li l-atturi qegħdin iħossu ruħhom aggravati u ġew il-quddiem bil-kawża odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi huwa prinċipju ben radikat fil-liġi li ħadd ma jista' jirretrai vantaġġ mill-frodi tiegħu — malitius non est indulgendum — (ara L. 38 de rei vindicatione).

Illi stabilit dana l-prinċipju jingħad li mid-dispożizzjonijiet tal-konvenut korroborat minn Emmanuele Camilleri u d-dikjarazzjoni tiegħu jirriżulta ampjament li meta l-attur mar l-Imqabba ma Emmanuele Camilleri sabiex jottjeni fuq il-konvenju l-firma ta' mart il-konvenut u l-istess konvenut ippreżentalu l-karta li tinsab fil-fol: 5 tal-proċess allegat, fit-triq ħdejn id-dar tal-istess konvenut u dana staqsih għalfejn kienet dika l-karta l-għaliex f'dika l-epoka l-istess komproprietarji tal-għalqa in kwistjoni kienu sejrin ibiegħu l-fond komuni bejniethom, li jinstab l-Imqabba Strada San Basilio numri 50, 51 u 52 lill-istess Emmanuele Camilleri u Innocenzo Debattista qallu li dika l-karta kienet intiża għall-bejgħ tal-post. Il-konvenut, li jaf jaqra, tant fada lil Debattista li l-anqas ħa l-briga li jaqraha u ffirma injorantement għal mara tiegħu u

appona l-firma tiegħu. Meta Debattista Innocenzo ottjena l-firma llarga bil-ħeffa u meta Camilleri qallu li huwa mhux għall-post kien iffirma imma għall-porzjoni ta' l-għalqa in kwistjoni l-għaliex ħassu li in koxjenza kellu jgħidlu allura l-konvenut irrabja l-għaliex induna li ġie milgħub u qal lil Camilleri li kien imissu avżah qabel, diskors li l-konvenut igħid li sema anki Debattista, imma Camilleri biex jikkalmah qallu l-kliem "Tibżax dak ma jsirx".

Illi dana l-fatt jikkostitwixxi aġir frawdolent mill-parti ta' Innocenzo Debattista u huwa kundannabbli u minnu għal dak li ġara wara ma għandux jottjeni ebda vantaġġi u l-anqas jista' jibbaża azzjoni għad-danni.

Illi inoltri ta' min jikkunsidra ulterjorment li l-attur Innocenzo Debattista fix-xhieda tiegħu li ta quddiem il-perit ġudizzjarju fit-tnejn (2) ta' April, 1960 ammetta li ftit xhur mill-firmazzjoni tal-konvenju msemmi kien iltaqa mal-konvenut il-Belt Valletta u kien staqsa lill-konvenut meta huwa (il-konvenut u martu) kienu bi ħsiebhom jersqu għall-kuntratt tal-porzjoni ta' l-għalqa in kwistjoni u l-konvenut kien qallu sostanzjalment li martu kienet ittrasferit l-għalqa bi prezz aħjar minn daka li kien ippropona li huwa jixtriha u dana d-diskors l-istess Innocenzo Debattista ammetta, li kien ġie jaf bih qabel ma għamel il-kawża allegata u b'dana kollu mexxa l-quddiem il-kawża flok ħa, jekk hekk kien jidhirlu li għandu dritt, passi oħra suġġeriti mil-liġi. Jingħad ukoll kif intqal qabel li quddiem il-perit legali ma kienx jaf jagħti għall-ewwel l-għaliex mexxa l-kawża l-oħra u fis-seduta ta' risposta għal kwantu klaudikanti l-għaliex mill-insinwa (il-vendita ġiet insinwata fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru, 1960 u ġiet perfezzjonata fil-għaxra (10) ta' Ottubru 1960) huwa seta' jottjeni l-informazzjoni u l-aċċertament li l-konvenut ma kienx qiegħed jipprova jgħaddih biż-żmien. Kieku l-atturi għamlu dak li fuq intqal u ċioè għamlu r-riċerka fir-Reġistru Pubbliku,

kwindi ma kienx jagħmlu l-kawża preċedenti u l-ispejjeż li sofrew imħabba fiha ma kienux isofruhom. Huwa minnu li l-kawża l-oħra intilfet l-għaliex irriżulta kjarament li l-konvenut ma kellux ebda awtorizzazzjoni jiffirma l-konvenju a nom ta' martu u l-għaliex il-firma tagħha fil-qiegħ tal-konvenju ma kienitx tagħha imma kif jingħad anki fid-dikjarazzjoni tal-proċess *allegat mill-mara tal-konvenut, il-firma ta' Emmanuele* Ellul ġiet lilu meħuda bil-qerq, kif fuq intqal u, kieku l-provi li saru fil-kawża odjerna saru anki f'dika l-kawża fuq dana l-pont l-esitu tal-kawża kien ikun altrettantu sfavorevoli.

Illi fl-aħħarnett jingħad li la darba l-kwota tal-għalqa tal-mara tal-konvenut kienet ġiet mibjugħa l-atturi ma kienu qatt jistgħu jikkostrinġuha li titrasferiha lilhom ammennokke ma kienux sejrin jipproċedu b'xi azzjoni oħra li kienet ikollha l-esitu li tirrexxendi dika l-istess vendita.

Illi l-perit ġudizzjarju dwar *l-ittra uffiċjali* tal-għoxrin (20) ta' Ottubru, 1960 ammontanti għall-ispiża ta' sbatax-il xelin u sitt soldi (17s/6d) notifikata fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Ottubru l-istess sena qal li dina l-ispiża għandha tiġi am-messa l-għaliex il-kuntratt tat-trasferiment kien għadu ma ġiex insinwat iżda però dina l-Qorti tħoss li ma tħossix li tista' taqbel ma dina l-konklużjoni l-għaliex il-fatt li fuqha hija bażata l-azzjoni huwa anki "in ossibus" fraudolent u "fraus omnia corrumpit".

Għalhekk:

Taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż.